MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 41/1999/1

Paolo Bonnici Limited .

vs

Eucharist Portelli .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet :

Illi l-konvenut hu debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm1641.02,4 (elf, sitt mija u wiehed u erbghin lira maltin u zewg centezmi u erba' millezmi) prezz ta' merkanzija varja konsistenti f'xorb tal-marka ISOSTAR lilu mibjugha u kkonsenjata .

Illi l-konvenut qed jirrifjura li jhallas nonostante diversi interpellazzjonijiet .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma fuq imsemmija ta' Lm1641.02,4 (elf, sitt mija u wiehed u erbghin lira maltin u zewg centezmi u erba' millezmi) prezz ta' merkanzija varja, konsistenti f'xorb tal-marka ISOSTAR lilu mibjugh u kkonsenjat kif fuq intqal .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra tal-21 ta' Lulju, 1998, tal-mandati kawtelatorji ta' qbid u sekwestru pprezentati kontestwalment, bl-imghaxijiet legali, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' attrici kkonfermata bil-gurament ta' Kevin Magri .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici ;

2. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici jirreferi ghal konsenja ta' xorb ISOSTAR illi giet konsenjata mis-socjeta' attrici ftit biss qabel ma kienet ser taghlaq l-*expiry date* taghha . Sabiex tkun aktar attraenti s-socjeta' attrici kienet offriet dan ix-xorb lill-esponenti bil-patt illi ta' kull ghaxar kaxxi illi jhallas huwa jircievi kaxxa b'xejn, u inoltre bil-kundizzjoni espressa illi hija ma tbieghx dan l-istess xorb xorta ohra jew direttament gewwa Ghawdex . Kuntrarjament ghal dan, imbaghad, ftit jiem wara l-istess socjeta' attrici mhux biss bdiet tbiegh l-istess xorb gewwa Ghawdex izda sahansitra offrietu ghal bejgh b'kundizzjonijiet ferm ahjar minn dawk illi tahthom gie offert lill-esponenti . Dan kollu jaghti lok ghas-sollevazzjoni da parti ta' l-esponenti tal-*exceptio non adimpleti contractus,* u huwa a bazi ta' din l-eccezzjoni illi l-esponenti qieghed jikkontesta t-talba attrici .

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat il-kontro-citazzjoni tal-konvenut fejn, wara li ppremetta :

Illi sabiex jiffacilita' u jgib 'il quddiem il-bejgh tal-prodotti illi huwa kien xtara minghand is-socjeta' attrici, il-konvenut inkorra fi spejjez ta' reklamar fil-Gozo Stadium fix-Xewkija, Ghawdex, kif ukoll spejjez ta' sponsorizzar ta' diversi socjetajiet u ghaqdiet sportivi .

Illi ghal dan ir-reklamar huwa hallas b'kollox is-somma ta' sitt mitt lira maltina (Lm600) ;

Illi minhabba l-agir tas-socjeta' attrici kif fuq spjegat, illi rrendiet lill-konvenut inkapaci illi ibiegh dan il-prodott bi prezz kompettiv, dawn l-ispejjez irrizultaw illi gew minfuqa inutilment ;

Illi inoltre l-konvenut sofra danni ohra konsistenti f'telf ta' profitt legittimament mistenni minnu kieku huwa setgha ibiegh dan il-prodott kif kellu l-intenzjoni w aspettattiva illi jaghmel fil-mument illi huwa lahaq il-ftehim mas-socjeta' attrici ;

Illi ghaldaqstant is-socjeta attrici ghandha tigi tenuta responsabbli ghar-rizarciment ta' dawn l-ispejjez minfuqa mill-konvenut inutilment u ghal dan it-telf ta' profitt .

Talab lis-socjeta' attrici tghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjarak responsabbli fil-konfront tal-konvenut Eucharist Portelli ghad-danni kollha sofferti minu kif fuq inghad ;

2. Tillikwida dawn id-danni billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk d-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

3. Tikkundannak thallas lill-konvenut dawn id-danni kollha kif likwidati.

Bl-ispejjez kollha kontra tieghek, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah .

Rat id-dikjarazjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut annessa ma’ din il-kontro-talba tieghu, minnu mahlufa .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ attrici ghal din il-kontro-citazzjoni, fejn ecceppiet illi :

1. Illi hu kkontestat mis-socjeta’ eccipjenti li hi naqset li tonora l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghha kif allegat mill-konvenut .
2. Illi jirrizulta anness mill-konvenut li l-merkanzija minnu ordnata giet lilu kkonsenjata .
3. Illi s-socjeta’ eccipjenti m’hiex responsabbli ghad-danni pretizi mill-konvenut – tali talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta’ attrici annessa ma’ din in-nota ta’ l-eccezzjonijiet, mahlufa mill-istess Kevin Magri .

Rat il-verbal taghha tat-13 ta’ Frar 2003 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum .

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza s-socjeta’ attrici qed tfittex li tigbor minghand il-konvenut is-somma indikata fic-citazzjoni minnha pprezentata rapprezentanti l-bilanc dovut ghal diversi konsenji ta’ merkanzija konsistenti f’bottijiet u fliexken ta’ tip ta’ *energy drink* minnha mibjugha u kkonsenjati lilu .

Il-konvenut qed jikkontesta din it-talba ghax allegatament is-socjeta’ attrici ma zammitx mal-pattijiet miftehma, billi bieghet merkanzija simili f’diversi stabilimenti ohra f’Ghawdex, minkejja illi allegatament intrabtet li ma taghmilx hekk . Infatti fil-kontro-talba tieghu qed ifittex li jigi kkumpensat ghad-danni kkagunati lilu, minghand is-socjeta’ attrici, minhabba n-non osservanza da parti taghha tal-ftehim ta’ bejniethom .

Fil-qosor, **il-fatti** li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti :

Ghal madwar hames snin, bi ftehim mad-ditta A.M. Mangion Limited, il-konvenut kien qed jigi supplit bl-*energy drink* li din ta’ l-ahhar kienet qed timporta mill-Olanda, sabiex dan imbaghad ibieghu lill-hwienet madwar Ghawdex . Gara pero’ illi fil-bidu tas-sena elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) din id-ditta lahqet ftehim fejn appuntat lis-socjeta’ attrici bhala d-distributur taghha ta’ dan il-prodott fil-gzejjer maltin, ghajr l-ispizeriji[1] . Il-konvenut gie nfurmat b’dan u ntalab jikkuntattja lis-socjeta’ attrici sabiex jibda jaghmel l-ordnijiet tieghu minghandha, kif fil-fatt beda jaghmel . Xi xahar wara li gie ffirmat dan il-ftehim inbidel is-*salesman* li kien igib il-merkanzija Ghawdex u lahaq iehor minfloku . Dan pero’ ma kienx jaf b’arrangament li kien hemm mal-konvenut, u beda jqassam il-prodott anke fi stabilimenti ohra f’Ghawdex . Malli sar jaf b’dan, il-konvenut ipprotesta u fit-12 ta’ Gunju 1998 saret laqgha f’Ghawdex sabiex jigu ccarati l-affarijiet . Ghal din il-laqgha kienu prezenti Alfred Mangion tad-ditta A.M. Mangion Limited, Graziella Axisa, *sales manager* mad-ditta tieghu, Alexander Arena tas-socjeta’ attrici u *s-sales representative* il-gdid Frans Attard . Wara li dan ta’ l-ahhar gie nfurmat bl’arrangament li kien hemm mal-konvenut, dan gie mhajjar jaghmel ordni tajba minn dan il-prodott li, peress li kien ghad baqaghlu *shelf-life* pjuttost qasira, kien qed jinbiegh ghall-*wholesaler* bi prezz vantaggjuz . Tant hu hekk illi offrewlu li ma' kull ghaxar kaxxi li jordna, jinghatawlu tnejn b’xejn . Il-konvenut infatti accetta u ftit jiem wara ghamel ordni

[1] Ara dok .AM. 1 a fol. 38 - 39 tal-process .

sostanzjali ta’ mitejn kaxxa ta’ dan l-energy drink fil-bott u ghaxar kaxxi fil-fliexken tal-plastic[2] . Ghal xi raguni mhix maghrufa l-konvenut pero’ ghamel kontro-ordni u din l-ordni ghalhekk qatt ma giet konsenjata lilu . Madankollu xi hmistax wara rega’ ghamel ordni ohra li giet attwalment konsenjata lilu . Imma l-konvenut imbaghad rrifjuta li jaqta’ l-kontijiet mas-socjeta’ attrici ghaliex sakemm dan il-prodott wasal biex jiskadi f’Awissu 1998, huwa kien ghad baqaghlu kwantita’ minnu mhix mibjugha. Huwa pprova jirritorna din il-merkanzija lis-socjeta’ attrici, illi pero’ ma accettatx ghax kienet kontra l-*policy* taghha . Huwa ghalhekk ma kien ghad baqaghlu ebda ghazla ghajr illi, skond il-ligi, jitlob lill-awtoritajiet tas-sanita’ sabiex jiddistruggu l-prodott skadut li kien baqa’ ma nbieghx, kif fil-fatt gara .

Il-konvenut tefa’ t-tort ghal dan in-nuqqas ta’ bejgh li kellu, fuq il-fatt illi sadanittant, kontra l-fethim li minghalieh li kellu mas-*supplier* tieghu, is-*sales representative* tas-socjeta’ attrici beda jqassam l-istess prodott fil-hwienet ta’ Ghawdex, anke b’offerta aktar vantaggjuza minn tieghu .

Is-socjeta’ attrici, ghalkemm ammettiet li wara li saret l-ordni l-kbira mill-konvenut, bieghet disa’ kaxxi ta’ *energy drink* f’zewg stabilimenti gewwa Ghawdex, iggustifikant dan billi dehrilha illi l-konvenut ma kienx qed imexxi bizzejjed il-prodott taghha go Ghawdex, u nsistiet wkoll illi hija ma kienet marbuta b’ebda ftehim ta’ esklusivita’ mal-konvenut .

Huwa minnu illi l-ftehim ta’ distribuzzjoni milhuq bejn l-importaturi A.M. Mangion Limited u d-distributur Paolo Bonnnici Limited ma jsemmi xejn dwar xi dritt ta’ esklussivita’ koncess lill-konvenut . Imma madankollu ma jistghax jigi nnegat illi ta’ l-inqas ftehim verbali jew *understanding* kien jezisti u dejjem gie onorat meta l-konvenut kien ghadu jordna l-*energy drink* direttament minghand l-impurtatur . Di piu’ jidher illi tant l-impurtatur xtaq illi dan il-ftehim jibqa’ jsehh mad-distributur il-gdid illi, wara li l-konvenut lmenta li s-*sales representative* il-gdid

[2] invoice no. 271054 tas-17.6.1998 (ara statement esebit ma’ n-nota responsiva tas-socjeta’ attrici a fol. 104 .

ma kienx qed jonora l-ftehim li kien hemm, huwa stess kien prezenti ghall-laqgha tat-12 ta' Gunju 1998 li saret mal-konvenut hawn Ghawdex biex iserrahlu mohhu u jaghmillu kuragg ikabbar in-negozju u jixtri aktar minn dan il-prodott .

Ma tantx kienet ghalhekk *in buona fede* s-socjeta' attrici meta, wara li l-konvenut gie assikurat li kien ser jibqa' d-distributur ewlieni gewwa Ghawdex u b'hekk hajruh jaghmel ordni sostnazjali, minn wara daru bieghu fi hwienet ohra gewwa Ghawdex b'offerti aktar vantaggjuzi u b'hekk naqsulu l-possibilita' li jehles mill-prodott li kien ser jiskadi kemm jista' jkun malajr . Dan l-agir tas-socjeta' attrici certament imur kontra dak li tistipula l-ligi taghna dwar il-kuntratti[3] . Il-konvenut huwa ghalhekk gustifikat ma jhallasx ta' dik il-merkanzija li huwa ma rnexxielux ibiegh minhabba dan l-agir abuziv tas-socjeta' attrici u li ma setghetx tinbiegh wara li l-prodott kien lahaq skada .

Mid-depozizzjoni tar-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sanita' f'Ghawdex, gie ppruvat illi l-konvenut kkonsenja mija u tlettax (113) il-kaxxa kontenenti erba' u ghoxrin (24) bott-il wahda sabiex jigu distrutti[4] . Sabiex jigi stabilit il-valur ta' dawn il-kaxxi, trid issir referenza ghall-istatement anness man-nota responsiva tas-socjeta' attrici[5] . Mill-ahhar *invoice* mahruga lill-konvenut[6], jirrizulta illi l-prezz ta' mija u tmenin kaxxa (can x 250ml) kien ta' Lm869.40 . Ghalhekk il-prezz ghal mija u tlettax-il kaxxa li gew distrutti jigi : Lm 545.79c . Mill-kont ta' Lm1641.02 irid ghalhekk jitnaqqas dan l-ammont, biex b'hekk il-konvenut huwa tenut ihallas biss : Lm1095.23 .

Madankollu l-konvenut fil-kontro-citazzjoni tieghu qed jitlob ukoll id-danni ghal dan in-nuqqas da parti tas-socjeta' attrici li tonera l-ftehim li kien hemm mieghu . Dawn id-danni primarjament jikkonsistu fi spejjez ta' reklamar li kien ghamel l-istess konvenut sabiex imexxi dan il-prodott gewwa Ghawdex . Imma kif tajjeb tosserva

[3] ara art. 993 u 1057 tal-Kap. 16
[4] Dok. EP. 1 a fol. 72 u xhieda ta' Joseph Borg a fol. 78 – 80 .
[5] a fol. 104 .
[6] No. 272873 .

s-socjeta' attrici fin-nota responsiva taghha, l-artiklu 1069 tal-Kap. 16 li fuqu qed jibbaza din il-pretensjoni tieghu l-konvenut, jesigi li qabel ma tkun tista' tintlaqa' t-talba ghad-danni, jrid jkun hemm ukoll talba jew ghall-hall tal-kuntratt jew ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jekk dan ikun ghadu posibbli[7] . Dan pero' l-konvenut m'ghamlux, ghax fil-kontro-citazzjoni tieghu llimita ruhu sabiex jitlob biss id-danni u ma semma xejn dwar il-kundizzjoni l-ohra li tesigi l-ligi, fil-kaz tieghu, ghax-xoljiment tal-kuntratt . Ghal din ir-raguni l-kontro-talba tal-konvenut ma tistghax tigi kkunsidrata .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi :

A. Dwar **ic-citazzjoni**, billi tilqaghha biss *in parte* u tordna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' Lm 1095.23 : rapprezentanti l-bilanc dovut minnu bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u li ma gietx distrutta, bl-imghaxijiet fuq din is-somma mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv . Bl-ispejjez ikunu kwantu ghal zewg terzi ghas-socjeta' attrici u terz ghall-konvenut .

B. Dwar **il-kontro-talba,** billi tichad l-istess kontro-talba bl-ispejjez kontra l-konvenut .
S4199Pc

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------

[7] ara wkoll f'dan is-sens il-gurisprudenza ccitata mil-istess konvenut (St. Andrews Farms Building Co. Ltd. v. Sultana Henry : Prim'Awla : 26.4.2002 .